MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2004

Rikors Numru. 856/1997/1

Bartholomeo Micallef
vs
Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fl-1994 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Ir-rikorrent kien ilu jahdem fit-Taqsima tat-Tifi tan-Nar, fl-ajruport ta' Hal-Luqa mill-31 ta' Marzu, 1979. F'dik id-data huwa kien ha l-grad ta' Gunner bin-numru 17855.

F'Jannar ta' l-1989 kienu nghataw hdax-il promozzjoni fit-Taqsima tat-Tifi tan-Nar, b'effett minn Mejju ta' l-1988.

F’dan l-ezercizzju r-rikorrent inqabez minn erba’ persuni li tlieta minnhom bdew jahdmu fil-Forzi Armati warajh u fejn ir-raba’ wiehed kellu l-istess “seniority” bhar-rikorrent.

Fil-Forzi Armati l-promozzjonijiet jinghataw normalment skond il-principju ta’ “seniority” u “rank number”.

F’Jannar ta’ l-1989 ir-rikorrent kien talab lill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji biex tinvestiga l-kaz tieghu. L-istess Kummissjoni kienet sabet illi l-ilment kien wiehed gustifikat (Dok A). F’Ottubru ta’ l-1993 ir-rikorrent kien gie mgharraf mill-Ufficcju tal-Prim Ministru illi l-awtoritajiet militari kellhom jaghmlu rakkomandazzjonijiet ibbazati fuq il-kapacita` attwali ta’ l-individwi involuti (Dok B). Bhala fatt baqghu ma saru l-ebda rakkomandazzjonijiet simili.

F’April ta’ l-1994 kienu nghataw seba’ promozzjonijiet fi hdan l-Airport Company b’effett minn Mejju ta’ l-1988. Ghal darb’ohra minghajr ebda raguni valida u anzi biex aktar giet konsolidata l-ingustizzja li kienet saret diga’ versu r-rikorrent fl-1989, huwa kien gie michud minn promozzjoni minghajr l-ebda raguni valida.
Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li lir-rikorrent tinghatalu skond il-proceduri applikabbli l-promozzjoni idonea b’effett mid-data li huwa kien eligibbli ghaliha, jew jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi kumpensat b’mod xieraq f’ammont mhux eccedenti s-somma ta’ Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta u s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru li eccepew:

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huma ghandhom xi jghid s-segwenti:

Illi s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment imressaq mir-rikorrent.

Illi l-ilment qieghed jigi mwiegeb mill-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta billi huwa l-Kap tad-Dipartiment koncernat.

Illi r-rikors huwa inammissibbli fit-termini ta' l-artikolu 6(2) billi l-ilment diga` gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji. Ara Kaz Numru 3710 u r-rapport tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 1992.

Illi oltre l-inammessibilita` msemmija fil-paragrafu precedenti, il-procedura fl-Armata rigward l-ghoti tal-promozzjonijiet, kuntrarju ghal dak li r-rikorrent ried jaghti wiehed x'jifhem, qatt ma kienet li jinghata skond is-***seniority*** u ***r-rank number***. Ta' min jispjega li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita` biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif wkoll abbazi ta' kwalifiki u ghazla biex timtela vakanza dejjem skond ir-regolamenti applikabbli cioe` l-Avviz Legali Nru 91 tal-1970. Ghaldaqstant dak li r-rikorrent allega f'dan ir-rigward kien kompletament zbaljat.

Illi dwar l-ezercizzju tal-promozzjoni fil-Fire Section (Airport Company), cioe` tal-1988, il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji kienet irrakkomandat u l-Ufficcju tal-Prim Ministru approva, biex isir ezercizzju gdid li jinkludi l-membri kollha tal-Fire Section. Dan l-ezercizzju li r-rikorrent qed irrefera ghalih kien ibbazat fuq il-principju li l-Officer Commanding tal-Fire Section jaghmel ir-rakkomandazzjonijiet tieghu bazati fuq ***"present capabilities"*** ta' kull membru u li jigu elenkati skond ordni ta' mertu ghall-promozzjoni fir-rank li jmiss.

Illi fil-kaz tal-promozzjonijiet minn Gunner ghal Bombardier kien iddikjarat li kien hemm hames vakanzi. Ir-rikorrent kien fil-fatt elenkat il-hdax-il wiehed minn dawk li gew irrakkomandati skond ma kif kien mitlub u kif gie spjegat fil-paragrafu precedenti. Hawnhekk hareg il-fatt li dak li qed jallega r-rikorrent li ***bhala fatt baqghu ma saru l-ebda rakkomandazzjonijiet simili*** mhux korrett lanqas. Mhux talli hekk imma dak li r-rikorrent semma li f'April tal-1994 inghataw seba' promozzjonijiet fi hdan l-Airport Company jikkonferma li r-rakkomdazzjonijiet kienu fil-fatt saru izda minhabba li r-rikorrent ma gabx ***grading*** daqstant gholi biex seta' gie promoss fost il-hames Gunners li gew promossi hu baqa' barra. Tnejn mis-sebgha promozzjonijiet imsemmija kienu promozzjonijiet minn Bumbardier ghal Surgent.

Ghaldaqstant, ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita` l-gurisdizzjoni tieghu u subordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda ta' l-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
<u>Ir-rikorrent</u>ipprezenta affidavit u fih semma li fl-1 ta' April 1979 kien impjegat mal-Forzi Armati ta' Malta, bhala Gunner No. 17855, fil-Luqa Airport Fire Section. L-ilment tieghu kien minhabba l-promozzjonijiet li nghataw fl-1994 fi hdan l-Airport Company. Semma li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kienet ikkonfermat fl-1992 illi l-ezercizzju tal-promozzjonijiet maghmul fl-1989 ma kienx wiehed gustifikabbli. Qal li hu kien inqabez minn tliet persuni (rank nos. 17864, 17872 u 17871) li kienu

gew impjegati fil-Forzi Armati sena u disa’ xhur warajh u b’ hekk giet injorata r-regola ta’ ‘seniority’.

Semma li hu kien gie infurmat mill-Ufficcju tal-Prim Ministru li l-awtoritajiet militari kellhom jaghmlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom ‘on the actual capabilities of those concerned’ izda hu sostna li l-ezercizzju tal-promozzjonijiet maghmul fl-1994, ma sarx abbazi ta’ rakkomandazzjonijiet marbutin mal-kriterji ta’ ‘actual capabilities’. Semma l-persuni li gew promossi li kienu Anthony Ebejer 17833, Lorry Bezzina 17832, Victor Sciberras 17860, Nazzareno Rizzo 17872, John Fenech 17834, Carmel Debattista 17835, Richard Hili 17851 u Joseph Cauchi 17843 u qal li dawn kienu Gunners qabel gew promossi u l-promozzjoni taghhom giet backdated ghall-1 ta’ Mejju 1988. Semma li Richard Hili, Carmel Debattista u Joseph Cauchi hadu l-promozzjoni taghhom f’Marzu ta’ l-1994 b’rizultat tar-revised promotion exercise.

Hu semma li hadem ma’ Lieutenants u Warrant Officers differenti, kellu record tajjeb fil-Fire Section, u fost id-dmirijiet tieghu kien inkluz is-sewqan ta’ vetturi heavy duty kif huma l-fire engines. Qal li d-diskriminazzjoni li saret mieghu wasslitu fi stress mentali kbir, ghalkemm dejjem ghamel l-isforzi tieghu kollha biex jaqdi dmirijietu bl-ahjar mod possibbli.

Xehed il-Maggur Emanuel Pantalleresco li semma li fil-promotion exercise ta’ l-1988 kien irrizulta li kienet saret xi ingustizzja u dan minhabba li normalment ic-Chief Officer kif kien ikun involut fil-promozzjonijiet mentri hu fl-1988 ma kienx involut. Qal li kienu saru promozzjonijiet ta’ zewg Surgenti u ghaxar Bumbardiera u hu kien gie nfurmat biss wara li nghataw il-promozzjonijiet. Semma li ma kienx irrizulta fuq liema kriterji kienu nghataw dawk il-promozzjonijiet. Spjega li hu kien gie inkarigat biex jigi involut wara li kien sar il-promotion exercise ta’ l-1988 u hu ried jinvolvi lil Fire Section kollha, izda xi hadd mill-Armata kien oggezzjona minhabba li lil dawk il-persuni li nghataw il-promozzjoni fl-1988 riedu jeskluduhom.

Semma li kien ghamel ir-rapport tieghu u kien issottomettieh lil Director General of Civil Aviation u f'dak ir-rapport kien ghamel overall report li inkluda d-diversi kriterji fosthom il-capapibility u s-seniority. Dwar ir-rakkomandazzjonijiet tieghu qal li ma deherlux li kienu gew attivati kollha u jekk ftakar sew persuna kienet baqghet barra mill-promozzjonijiet. Qal li fir-rapport issottometta lista ta' diversi nies u mhux kollha kienu gew promossi u jaf li kien inqabez wiehed li kien certu Frank Spiteri. Dwar ir-rikorrent qal li jiftakru u li r-rakkomandazzjonijiet fil-konfront tieghu kienu li huwa kien wiehed mill-lista li fir-rapport kien issottometta lid-DCA. Semma li l-lista u r-rapport li ghamel kienu bazati fuq l-order of merit u biex wiehed jiehu promozzjoni mhux necessarjament ikun Heavy Plant Driver izda dik inkludewha wara certu zmien ghal new entries. Qal li l-capabilities jigu assessed skond il-persuna jaghmilx xoghlu bhala fireman u skond il-capabilities li jkollu. Zied jghid li ghalkemm kien hemm il-Crew Commander u l-Fire Officers ta' taht il-Lt. Colonell f'dawk ir-rakkomandazzjonijiet, is-sottomissjoni finali kienet tkun tieghu. Ftakar li kienu hargu xi promozzjonijiet li kienu back dated mill-1988 izda ma setax jghid peress li ma kellux access ghad-dokumenti.

Xehed <u>Lt. Col. Mario Schembri</u> li esebixxa 3 dokumenti li huma korrisponenza bejn il-Kmandant Forzi Armati, l-OPM u d-Director of Civil Aviation. Qal li l-aktar wahda relevanti ghall-kaz kienet l-ittra mibghuta mid-Director of Civil Aviation bid-data tat-22 ta' Novembru 1994, lill-Brigadier Calleja li kien il-Kmandant tal-Forzi Armati, fejn qallu li gew segwiti r-rakkomandazzjonijiet li kien hemm minn naha tal-Armata u minn naha tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji sar ezercizzju biex jimtlew il-hames postijiet battala li kien hemm minn Gunner ghal Bumbardier.

Semma li fl-Appendici A hemm l-ewwel 3 Debattista, Attard u Caruana li kienu gew promossi fl-1994 b'effett mill-1988. Kien inqabez Spiteri u dahlu tnejn ohra, Cauchi u Hili li wkoll kienu gew promossi fl-1994 b'effett mill-1988. Qal li isem ir-rikorrent kien aktar 'l isfel u li ma kienx

wiehed minn dawk il hamsa li kienu gew promossi. Skond is-seniority list li kellu qal li dawk kienu gew promossi according to seniority. Qal li Spiteri kien inqabez peress li ma kienx ressaq l-ilment tieghu lil Kummissjoni u din kienet iddecidiet li min ma kienx ressaq ilment fl-1988 ma kellux jibbenefika minn dak l-ezercizzju. Semma li dawk li hadu l-promozzjoni kienu kollha aktar senior mir-rikorrent.

Qal li fl-Armata assessment reports dwar il-persuni li jinsabu f' Appendix A ma tezistix. Semma li fir-rigward tal-Fire Section u l-Air Traffic Control, dwar dixxiplina kienu jaqghu taht l-Armata u fir-rigward ta' amministrazzjoni u promozzjonijiet kienu jaqghu taht id-Director of Civil Aviation. Qal li l-promozzjonijiet kienu johorgu taht il-kappa tal-AFM.

Semma li mill-lista tar-rakkomandazzjonijiet kienu gew promossi biss l-ewwel hamsa u li dik il-lista kien ghamilha l-Maggur Pantalleresco u dan fuq il-present capabilities, fuq personnel on grounds of merit capabilities and experience ezatt kif kienet ordnat il-Kummissjoni. Esebixxa estratt mis-seniority list ta' l-1988 u 1992. Semma li Joseph Cachia u Richard Hili kellhom kwalifiki inqas mir-rikorrent fis-sens illi r-rikorrent kien kwalifikat ukoll bhala driver B3. Qal li l-mod kif intaghzlu ma setax jghidu izda suppost qalu l-Maggur Pantalleresco. Semma li fl-Armata s-sistema tal-promozzjonijiet ma ssirx bhal dik tac-Civil jigifieri ma ssirx wara applikazzjoni ghal post, l-anqas isiru l-ezamijiet u l-anqas interviews. Isir fuq assesment tas-snin ta' qabel skond kif indikat mill-Kmandant tal-Armata dakinhar.

Xehed Paul Muscat li semma li l-grad tieghu kien ta' Warrant Officer izda llum spicca minn mal-Forzi Armati u qaleb mal-MIA. Qal li jaf li ma kien hemm l-ebda interviews, l-ebda assessment jew xi ezamijiet ghal promozzjonijiet tal-1994 fl-Armata u allura suppost f'dak l-ezercizzju kienu ntuzaw il-kriterji bhal seniority u esperjenza izda fl-opinjoni tieghu dawn ma jahsibx li ntuzaw. Dwar ir-rikorrent qal li kien jahdem tahtu u xogholu kien jaghmlu sew u li kien jiehu inizjattiva fix-xoghol u kellu clean record.

Xehed Richard Hili li semma li r-rank tieghu fil-Forzi Armati huwa ta' Bumbardier bin-numru 17851 u kien gie promoss fl-1994. Qal li hu qatt ma qaghad ghall-ezami tal-B2 li kellu x'jaqsam mas-sewqan ta' vetturi u li hu qatt ma saq vetturi.

Xehed Carmel Dabattista li semma li l-grad tieghu mal-Armata huwa ta' Bumbardier bin-numru 17835 u fl-1994 ha promozzjoni ghal Bumbardier imma back dated mill-1988.

Xehed Arthur Wait u semma li l-grad tieghu fl-Armata huwa Warrant Officer bin-numru 17813. Qal li dawn l-ahhar seba' xhur ir-rikorrent hadem tahtu u kien jafdah fl-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-fire. Semma li l-performance tar-rikorrent hija pozittiva. Qal li fl-1994 l-ezercizzji ta' promozzjonijiet biex persuna tilhaq kien li jrid jilhaq by strict personal reccommendation u mhux fuq bazi ta' seniority jew esperjenza.

Xehed Frans Caruana li semma li ilu mal-Forzi Armati mill-1988 u kellu r-rank ta' Bumbardier. Qal li waqt il-promozzjonijiet tal-1994, hu kellu kaz quddiem il-Kummissjoni Ghall-Investigazjoni ta' Ingustizzji fejn kien gie rakkomandat li jiehu l-promozzjoni back dated mill-1988 u dan minhabba li fl-1988 kien gie maqbuz. Dwar il-promozzjonijiet qal li ma kienx qaghad ghal ebda interview u ghal ebda ezami izda jaf li kien qaghad ghal ezami tal-B2 u B3.

Xehed Anthony Attard li semma li l-kariga tieghu fil-Forzi Armati kienet ta' Bumbardier bin-numru 17842 u qal li ma kien sar l-ebda ezami jew interview ghall-promozzjonijiet tal-1994.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi b' decizjoni tal-31 ta' Ottubru 2000 dwar l-eccezzjoni tal-intimat li r-rikors huwa inammissibbli fit-termini tal-Artikolu 6(2) billi l-ilment diga gie investigat mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji t-Tribunal

cahad l-eccezzjoni tal-intimat u ordna li l-provi tal-partijiet jigu limitati ghall-promozzjonijiet tal-1994.

Ukoll is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur ghall-ilment imressaq mill-attur.  L-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni."  Imkien ma jinghad li r-rapprezentanza hija vestita f' idejn is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u hija eccezzjonalment biss li tali rapprezentanza hi vestita fil-Ministru koncernat (bhal fil-kaz tal-kawzi istitwiti kontra l-P.A.P.B.) jew kawzi li minn natura taghhom wiehed irid jistitwihom kontra l-Prim Ministru jew kontra l-Avukat Generali.  Fil-kaz in ezami r-rikorrent ma ta ebda raguni ghaliex is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru ghandu jkun intimat. Ghalhekk is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur.  [Ara wkoll Rikors 196/97 deciz fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici; Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u  Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99].  Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u ghalhekk jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minn ezami tad-depozizzjonijiet moghtija kif ukoll tad-dokumenti esebiti jirrizulta car illi fil-fatt meta sar il-promotion exercise precedenti dan kien kompletament zbaljat b'mod assolut kif qalet l-istess Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji u fil-fatt il-Kummissjoni kienet ikkonkludiet li ma tistax hlief tinficjah.  Issa rrizulta li r-rikorrrent kien persuna responsabbli u dedikat.

Hawnhekk it-Tribunal qieghed jezamina l-promozzjonijiet tal-1994 b' effett mill-1988 kif issemma aktar 'il fuq skond kif gie deciz fis-sentenza preliminari msemmija.  Ma kienx sar interview u kien sar assessment.  Gie esebit id-Dokument a fol 87 tal-process li minnu jirrizulta li r-rikorrent kien fid-9 pozizzjoni.  Kienu lahqu Debattista,

Attard u Caruana, Cauchi u Hili u nqabez Spiteri. Ir-rikorrent ma kienx imissu jilhaq skond is-seniority list. Skond il-Kurunell Schembri Spiteri nqabez peress li ma kienx ressaq l-ilment tieghu lill-Kummissjoni u din kienet iddecidiet li min ma kienx ressaq ilment fl-1988 ma kellux jibbenefika minn dak l-ezercizzju. Il-Kurunell Schembri kkonferma li dawk kollha li hadu l-promozzjoni kollha kienu aktar senior mir-rikorrent. Huwa veru li r-rikorrent kellu wkoll it-Trade ta' Driver B3 li mhux kull min lahaq kellu izda dawn kollha li saru kienu aktar senior mir-rikorrent.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal "Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Fil-kaz in ezami certament it-Tribunal ma jistax iqis li kien hemm xi kwalitajiet negattivi f' dawk li hadu l-promozzjoni u li minhabba f' hekk ir-rikorrent kellu jilhaq hu u mhux dawk li fil-fatt lahqu. Ghalhekk certament ma tirrizultax l-ingustizzja kif definita fil-Kapitolu 394.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------